Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 94 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Josric Mifsud

Vs

Ramirez Vella

Tyler Camilleri

Illum 12 ta' Marzu, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Ramirez Vella, detenur tal-karta tal-identita Maltija 380198 M, u Tyler Camilleri detenur tal-karta tal-identita Maltija 195799 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' xi hin, bejn id-disgha (21:00 hrs) ta' fil-ghaxija tat-13 ta' Frar, 2017 u f-disgha (09:00 hrs) ta' filghodu tal-14 ta' Frar, 2017 gewwa Triq Guze' Damato Tarxien:

a) Ikkommettew serq ta' vettura bil-mutur tal-ghaml Daihatsu tip Cuore bin-numru tar-registrazzjoni LCC 881 ghad-detriment ta' James Micallef liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.
b) Talli nhar is-16 ta' Frar, 2017 u granet qabel din id-data, gewwa Triq il-Mina ta' Hompesh, Zabbar u bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer, saqu vettura bil-mutur tal-ghamla Daihatsu tip Cuore bin-numru tar-registrazzjoni LCC 881 meta ma kienux koperti b' polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni. Art. 3 (1) Kap. 104.

c) Talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi saqu vettura bil-mutur tal-ghamla Daihatsu tip Cuore bin-numru tar-registrazzjoni LCC881 minghajr licenzja tas-sewqan Art 15 (1) (a) tal-Kap 65.

Lil Ramirez Vella wahdu:

d) Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-15 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti **wara li rat l-Artikoli 261 , 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Ramirez Vella hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u ikkundannatu seba' (7) xhur habs li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum. Ordna ulterjorment li l-imputat Ramirez Vella, ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ma jottjeni l-ebda licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.**

**Il-Qorti sabet lill-imputat Tyler Camilleri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor ghal zmien tlett (3) snin mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-hati Tyler Camilleri l-portata ta' din is-sentenza.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil hati Ramirez Vella fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392 A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Ramirez Vella u Tyler Camilleri, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar 12 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghhobha TIRRIFORMA s-sentenza appellata billi:

TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lil Tyler Camilleri hati ta' l-ewwel imputazzjoni u TIKKONFERMAHA wkoll fil-parti tal-piena erogata fil-konfront ta' Tyler Camilleri
u
TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lill-appellat Ramirez Vella hati ta' l-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tieghu, u THASSARHA U TIRREVOKHA fil-parti tal-piena erogata fil-konfront ta' Ramirez Vella, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skont il-ligi.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fit-22 ta' Frar 2018, *ai termini* tal-artikolu 392 A tal-Kodiċi Kriminali, l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi, u ħassu aggravat bihom b' mod ċar u manifest hekk kif ser jiġi spjegat aktar ' il quddiem f' dan ir-rikors;

Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li qiegħed jinterponi dan l-umli rikors ta' appell **limitatament fir-rigward tal-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront ta' Ramirez Vella**, u dan peress li l-Qorti erogat piena illi kemm fil-kwalità u kemm fil-kwantità tagħha hija differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reati li dwarhom l-appellat Ramirez Vella nstab ħati fuq ammissjoni tiegħu stess;

Illi dan qiegħed jingħad stante illi l-Qorti tal-Maġistrati mponiet sentenza sospiża fuq l-appellat Ramirez Vella meta dan instab ħati talli huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu 28 A (7) (b) tal-Kodiċi Kriminali speċifikament jistipula illi:

(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1)[1] ma għandux isir f' xi wieħed mil-każijiet li ġejjin;

...

**(b) meta l-ikkundannat ikun sar <u>reċidiv</u> fit-termini tal-artikolu 50[2];**

Illi stante illi l-appellat Ramirez Vella ammetta u konsegwentament instab ħati li huwa reċidiv, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma setgħet qatt legalment tinfliġġi dik il-<u>kwalità</u> ta' piena u ċioè piena ta' priġunerija sospiża ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u dan in vista tal-esklużjoni ċarissima u inekwivoka ta' sentenza sospiża f' ċirkostanzi bħal dak li jinsab fihom l-appellat, hekk kif stipulat fis-sub-artikolu 28 A (7) (b) tal-Kodiċi Kriminali surreferit;

Illi **<u>MINGĦAJR PREĠUDIZZJU</u>** għas-suespost, l-esponent jirrileva wkoll li l-<u>kwantità</u> ta' piena erogata u ċioè seba' (7) xhur priġunerija (sospiżi) hija piena taħt il-minimu preskritt mil-liġi, u dan in vista tas-segwenti raġunijiet;

Illi l-appellat instab ħati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin, u l-piena stabbilita għal dan ir-reat b' dawn il-kwalifiki hija dik ikkontemplata fl-artikolu 278 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

278. (1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.

(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b' waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.

---

[1] Dan is-sub-artikolu jitratta dwar is-setgħa tal-Qorti sabiex timponi sentenza sospiża.
[2] Sottolinear tal-esponent.

**(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b' dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha[3].**

Illi dan ifisser li l-piena għas-serq hekk ikkwalifikat hija dik ta' madwar tlettax-il xahar priġunerija. Però wieħed irid jieħu konsiderazzjoni wkoll tal-pieni stabbiliti għar-reati l-oħra li l-appellat nstab ħati tagħhom;

Illi Ramirez Vella nstab ħati wkoll tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè talli saq vettura meta ma kienx kopert b' polza ta' assigurazzjoni. Illi filkaż li persuna tinstab ħatja għall-ewwel darba ta' dan ir-reat, il-piena għal dan ir-reat hija dik ikkontemplata fl-artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta:

(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati -

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;

Illi *in oltre*, l-esponent jirrileva li ai termini tal-artikolu 3(2B) ta' l-istess Kapitolu, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-Probation, ma japplikawx fil-każ ta' xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104;

Illi *di più*, l-appellat instab ħati wkoll tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè talli saq vettura bil-mutur mingħajr liċenzja tas-sewqan. Illi l-piena applikabbli għal dan ir-reat hija dik tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur;[4]

---

[3] Sottolinear tal-esponent.

[4] Din hija l-piena stabbilita għal dan ir-reat qabel ma daħal fis-seħħ l-Att Numru XIV tal-2017 liema Att daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Diċembru tal-2017 skont l-Avviż Legali 334 tal-istess sena.

Illi in vista tas-suespost, u in vista tal-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija fl-imputat qua appellat għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, l-esponent jisħaqq li l-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx korretta fl-erogazzjoni tal-piena fil-kwantità ta' seba' (7) xhur priġunerija u dan stante li skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena komputata għar-reati li għalihom l-appellat instab ħati kellha teċċedi s-seba' (7) xhur priġunerija. Biss biss, il-piena tas-serq waħidha tammonta għal madwar tlettax (13)-il xahar priġunerija. Għaldaqstant, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' seba' (7) xhur priġunerija sospiżi hija piena taħt il-minimu preskritt mil-liġi. Dan qiegħed jingħad ukoll *konsiderando* l-fatt li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma saret l-ebda referenza għal xi artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu setgħet tinfliġġi l-piena ta' seba' (7) xhur priġunerija sospiżi, u lanqas ma semmiet xi raġunijiet speċjali u straordinarji kif jirrekjedi l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tkun tista' tinżel taħt il-minimu tal-piena preskritta mil-liġi;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz dwar il-piena.

Ikkunsidrat.

Illi dan hu appell interpost mill-Avukat Generali limitatament dwar il-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' Ramirez Vella kemm fir-rigward il-kwalita' kif ukoll fir-rigard tal-kwantita'.

lli huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi.

Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** [5]l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi.*

[5] -Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

*Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[6] **u**, **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[7] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[8] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[9]:

*'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[10]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[11] *u ohrajn.)'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[12]: il-Qorti kkunsidrat li :-

*'Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.'*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara u tesamina jekk il-piena infltta a bazi tal-ammissjoni li rregistra l-appellant taqax fil-parametri tal-ligi.

Ikkunsidrat.

---

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-26 ta' Jannar 2001
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[10] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[11] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

L-appellant kien deher quddiem il-Qorti nhar it-8 ta' Marzu, 2017 u akkuzat talli ikkometta serq ta vettura, liema serq u aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, saq vettura tal-ghamla Daihaatsu meta ma kienitx koperta bi polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghal terzi persuni, talli saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u talli huwa recidiv.

Illi nharil-15 ta' Frar, 2018 wara li l-ufficcjal prosekutur halef l-akkuzi u sar l-ezami tal-appellant, l-appellant fil-presenza tal-avukat tieghu Dr Martin Fenech irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kolllha u dan wara li inghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Illi ciononnostante l-appellant irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha u l-ewwel Qorti fuq ammissjoni tieghu stess ikkundannatu ghal sebgha xhur prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi dwar l-akkuza ta serq aggravat bil-mezz u bil-valur il-piena applikbbli hija dik provduta fl-artikolu 278 tal-kodici Kriminali li jiddisponi s-segwenti:-

78.(1) *Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.*

*(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikunakkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.*

*(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikunakkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżdamhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad uma tingħatax fil-minimum tagħha.*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-piena applikabbli ghall-ewwel akkuza hija dik ta madwar tlettax-il xahar prigunerija.

Illi apparti dan ir-reat l-appellant instab hati talli saq vettura meta ma kientx kopert bi polza ta' sigurta skond l-artikolu 3 tal-kap 104 tal-ligijiet ta Malta Il-piena applikabbli f'dan il-kaz hu:-

(2) *Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel meta jinsab ħati –*

*(a ) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja*

*u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien.*

Illi ghalhekk il-minimum li jista' jinghata bhala perijodu ta' prigunerija stante li din hi l-ewwel darba li qed jinsab hati ta' reat konsimili hi ta' tlett hur prigunerija.

Dwar it-tielet akkuza u cioe' dik li saq vettura minghajr ma kelku licenzja tas-sewqan skond l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 il-piena f'kaz ta' htija hi s-segwenti:-
*"Ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena"*

Ghalhekk hawnhekk il-Qorti ghandha diskrezzjoni dwar il-piena fis-sens li jew tikkundanah ihallas multa ta' elf u mitejn euro jew priguerija sa sena. F'dan il-kaz jidher li huwa iktar idejali li jinghata piena ta' prigunerija ghaliex kif stqarr l-appellant stess waqt l-esami huwa disokkupat tant li kien assisttit mill-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk l-imposizzjoni ta' multa mhiex il-piena desiderabbli.

Jinghad ukoll li l-piena inflitta f'kaz t recidiva tista' tizdided bi grad jew tnejn.

Ghalhekk mhemmx dubbju li l-piena inflitta fir-rigwaard tal-quantuum hija skoretta u hafna inqas mill-minimum stabbilit mill-ligi.

Jinghad ukoll dwar il-kwalilta' jidher li l-ewwel Qorti kienet issospendiet it-terminu ta' prigunerija ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta. Pero' jigi rilevat li skond is-sub artikolu (7) ta'-artikolu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) (cioe' sentenza sospia) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin:–

b) '*meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50';*

Ghalhekk stante li l-appellant irregisra ammissjoni dwar l-akkuzi kollha inkluz dik ta' recidiva dik l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika sentenza sospiza.

Ghalhekk din il-Qorti qeighda tilqa l-appell tal-Avuakt Generali fis-sens li qeda tikkonferma is-sentenza li inghatat fil-konfront ta' Tyler Camilleri in toto pero' qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali fir-rigward ta' Ramirez Vella billi qed tikkonfermha dwar il-mertu fejn sabet lill-appelant hati tal-akkuzi kollha pero' qeda tirriformaha fir-rigward tal-piena inflitta billi wara li tiddikjara li rat l-artikolu 49, 50,

278(c) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' ghoxrin xahar prigunerija effettiva.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur